32004D0574

6.8.2004 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 261/36

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL tad-29 ta' april 2004 li temenda l-manwal komuni

(2004/574/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 790/2001 ta' l-24 ta' April 2001 li rriserva lill-Kunsill is-setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet speċifiċi u proċeduri prattiċi fit-twettiq ta' kontrolli u sorveljanza fuq il-fruntieri ([1]),

Wara li kkonsidra l-inizjattiva tar-Repubblika Taljana,

Billi:

(1) Meta wieħed iqis il-livell ta' armonizzazzjoni li ntlaħaq dwar il-kriterji għar-rifjut tad-dħul fil-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri, ta' min issa ikun jista' jkun jista jidentifika r-raġunijiet li li mħabba fihom ġiet rifjutata t-talba preċedenti għad-dħul ta' barrani. Hemm il-ħtieġa għalhekk tintuża formola *standard* li tinkludika klassifikazzjoni tar-raġunijiet possibbli għar-rifjut, u r-reġistrazzjoni fil-passaport tal-barrani partikolari, ir-raġunijiet għar-rifjut. Il-Manwal Komuni ([2]) għandu għalhekk jiġi emendat għal dan l-iskop. Il-possibbiltajiet ta' appell kontra deċiżjoni ta' rifjut ta'dħul huma previsti fil-liġi nazzjonali.

(2) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, li huwa anness mat-Trattat ta' l-Unjoni u mat-Trattat li stabilixxa l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma hix parti minn din id-Deċiżjoni, ma hix marbuta minnha u ma hix soġġetta għaliha. Billi din id-Deċiżjoni hi mibnija fuq l-*acquis* ta' Schengen taħt id-dispożizzjonijiet tat-Titlu IV tat-Tielet Parti tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka għandha skond l-Artikolu 5 tal-Protokoll, fi żmien sitt xhur, minn meta l-Kunsill jadotta din id-Deċiżjoni, tiddiċiedi hijiex ser timplimentaha fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħha.

(3) Fir-rigward ta' l-Islanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen, fis-sens tal-Ftehim li ntlaħaq bejn il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta'l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen ([3]), kif jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt A, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta'Mejju 199 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta; dak il-Ftehim ([4]).

(4) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen li fih ir-Renju Unit ma jieħux parti, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Britannja u l-Irlanda tan-Nord biex jieħu parti f'xi wħud mid-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen ([5]); għalhekk ir-Renju Unit mhux qiegħed jieħu sehem fl-adozzjoni tagħha u la hu marbut biha u lanqas soġġett għaliha.

(5) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen, li fih l-Irlanda ma tiħux parti, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba ta' l-Irlanda li tieħu parti f'xi wħud mid-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen ([6]); għalhekk l-Irlanda ma hix qiegħda tieħu parti fl-adozzjoni tagħha u la hi marbuta biha u lanqas soġġetta għaliha.

(6) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi att li jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen jew li jirrelata miegħu fis-sens ta' l-Artikolu 3(1) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Parti II tal-Manwal Komuni qed tiġi emendata kif ġej:

1. Is-sentenza li ġejja għandha tiżdied fi tmiem is-Sezzjoni 1.4.1:

"Għal dan l-iskop il-formola *standard* għar-rifjut tad-dħul fil-fruntiera kif tinstab fl-Anness 16 għandha timtela u tingħata lill-barrani interessat."

([1]) ĠU L 116, tas-26.4.2001, p. 5.
([2]) ĠU C 313, tas-16.12.2002, p. 97. Manwal kif l-aħħar emendat bid-Deċiżjoni 2004/466/EC (ĠU L 157, tat-30.4.2004, p. 136).
([3]) ĠU L 176, ta' l-10.7.1999, p. 36.
([4]) ĠU L 176, ta' l-10.7.1999, p. 31.
([5]) ĠU L 131, ta' l-1.6.2000, p. 43.
([6]) ĠU L 64, tas-7.3.2002, p. 20.

2. Sezzjoni 1.4.1 għandha tiġi sostitwita kif ġej:

"1.4.1a Waqt li qed jirrifjuta d-dħul, l-uffiċjal li jikkontrolla għandu jwaħħal bolla tad-dħul fuq il-passaport, maqtugħa b'salib b'linka sewda li ma titħassarx u jirreġistra fuq in-naħa tal-lemin b' linka li ma titħassarx ir-raġuni(jiet) għar-rifjut tad-dħul kif indikat fil-formola *standard* għar-rifjut tad-dħul fil-fruntiera bħal ma jidher fl-Anness 16."

*Artikolu 2*

Il-formola standard għar-rifjut tad-dħul fil-fruntiera kif murija fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni għandha tiġi miżjuda bħala l-Anness 16 mal-Manwal Komuni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Ġunju 2004.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri skond it-Trattat li jistabilixxi il-Komunità Ewropea.

Magħmula fil-Lussemburgu, fid-29 ta' April 2004.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. McDOWELL

*L-ANNESS*

*"L-Anness (16)*

**Formola standard għar-rifjut tad-dħul fil-fruntiera**

**Stemma ta' l-Istat**

# L-Isem ta' l-Istat

(Isem ta' l-Uffiċċju)

____________________

(1)

---

# RIFJUT TAD-DĦUL FIL-FRUNTIERA

**Nhar il-(data)________ fil (ħin) ________ fuq il-punt tal-fruntiera ________________________________**

**Aħna hawn taħt iffirmati __________________________________________ għandna quddiemna lill:**

**Kunjom: _______________________ Isem: ______________________________________________**

**Data tat-twelid: ___________________ Post tat-twelid: __________________ Sess: ________________**

**Nazzjonalità: _______________ Residenti fi: ______________________________________________**

**Tip ta' dokumnet ta' identità: ______________ numru: _______________________________________**

**Maħruġ fi (post): _____________________, fi (data): ________________________________________**

**Numru tal-Visa: ________, tip: ________, maħruġa minn: ____________________ valida minn: __________, sa: __________________**

**Għall-perjodu ta' _____ jiem għall-dawn ir-raġunijiet: ________________________________________**

**Ġej/ja minn: ________, permezz ta ___________(Indika l-mezz tat-trasport, e.g. numru tat-titjira), huwa/hija qed tiġi infurmata illi huwa/hija qed jiġi/tiġi rifjutat/a id-dħul fil-pajjiż skond** *(għamel referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ)*, **għall-dawn ir-raġunijiet:**

(1) L-istemma mhix meħtieġa għan-Norveġja u l-Islanda.

☐ **A Nuqqas ta' dokument(i) validi għall-vjaġġ**

☐ **(B) Dokument tal-vjaġġ falz/iffalsifikat**

☐ **(C) Nuqqas ta' viża valida**

☐ **(D) Viża falza/falsifikata**

☐ **(E) Nuqqas ta' dokumentazzjoni approprjata biex tiġġustifika l-iskop u l-kondizzjonijiet tal-preżenza**

☐ **(F) Nuqqas ta' mezzi suffiċjenti għall-għajxien b'relazzjoni mal-perjodu u l-forma tal-preżenza, jew tal-mezzi għar-ritorn lejn il-pajjiż ta' l-oriġini jew transitu, fir-rigward ta' l-informazzjoni mogħtija fl-Anness 10 tal-Manwal Komuni.**

☐ **(G) Hi persuna illi fir-rigward tagħha inħareġ avviż għall-iskop tar-rifjut tad-dħul**
☐ **fl-SIS**
☐ **fir-reġistru nazzjonali**

☐ **(H) Hi persuna meqjus/a theddida għall-ordni pubbliku u s-sigurtà pubblika, sigurtà nazzjonali jew ir-relazzjonijiet internazzjonali ta' Stat Membru wieħed jew iktar ta' l-Unjoni Ewropea** *(kull Stat għandu jagħmel referenza għal-leġislazzjoni nazzjonali dwar dawn il-każijiet ta' rifjut tad-dħul)*

**Kummenti**

**Il-persuna interessata tista' tappella kontra d-deċiżjoni tar-rifjut tad-dħul kif prevvist fil-liġi nazzjonali. Il-persuna interessata tirċievi kopja ta' dan id-dokument** *(kull Stat jindika ir-referenza għal-liġi nazzjonali dwar id-dritt ta' l-appell).*

| **Il-persuna interessata** | **Uffiċjal responsabbli għall-kontrolli** |
|---|---|
| | |